# Attività Kummerċjali bejn l-1900 u l-1950



Il-Ħamrun kiber nistgħu ngħidu f'daqqa. Kien bejn irħula importanti u popolati ħafna; il-Belt (u Furjana), Ħal Qormi u B'Kara. Is-Subborg li nafu llum, fil-parti l-kbira tiegħu tela' fi żmien relattivament qasir ħabta ta' 100-80 sena ilu. Kien imfittex ukoll fit-tieni Gwerra Mondjali bħala refuġju għal tant nies, l-aktar mill-Kottonera. Il-Motto tiegħu 'Dlonk Nikber' kien verament f'postu!

Karatteristika tal-Ħamrun kienet u għadha l-attività Kummerċjali b'numru kbir ta' fabbriki, ħwienet u aġjendi ta' kull xorta. X'ma kontx issib jinħadem jew jinbiegħ fl-akkwati tiegħu?! Sa llum stess, Triq il-Kbira għadha miżgħuda bil-ħwienet, però anke fi bnadi oħra kellek u għad għandek oħrajn, bħal fi Triq Qormi. L-aktar stabbilimenti komuni kienu dejjem dawk tal-Għamara, li llum huma kkonċentrati fil-parti l-kbira tagħhom in-naħa ta' Blata l-Bajda. Fost l-aktar ditti magħrufa f'dan il-qasam konna nsibu dik ta' Carmelo Mangion Farrugia ta' Broad Str. Dawn, apparti mill-għamara domestika kienu jagħmlu xogħol għal diversi knejjes. Il-bradella u l-bankun ta' l-istatwa titulari tal-Parroċċa tal-Gżira (1978), hija eżempju tajjeb.

Nibqgħu fuq il-kummerċ, u ngħidu wkoll li mill-Ħamrun bdew joperaw numru ta' aġjendi li llum kibru fi ġganti u saru importanti. Insemmu dawk ta' Farsons li kienu bdew fl-1927 fi Triq Farsons, n-naħa 'Ta Rabbat', (flok il-'Multi Gas'); ta' Guilliamier fl-1931 (però fil-Ħamrun bdew fl-1933, flok Ciancio tar-ritratti fi Strada Rjali) u ta' Portanier (illum magħrufa tas-7 up), li fl-1925 kellhom in-negozju fi Strada Sacro Coure. Insemmu wkoll il-Fabbrika tal-Ħalib (magħrufa fostna bħala "L-Magna"), li fetaħ il-Gvern fl-1938.

Kumpaniji oħra li kienu magħrufa u llum spiċċaw jinkludu lil ta' Pasta Portelli, fil-bidu ta' Triq Magri; l-istabbiliment ta' Sebastiano Fedele li kien fih ħafna oġġetti tal-qassisin u li beda ħabta tal-1907 fi Triq Qormi (ħdejn il-

'Piccole Suore'); n-negozju u l-manifattura tas-sigarri u s-sigaretti. Nafu li fl-1920 kienet inbniet fabbrika ħdejn il-'Hollywood' minn xi Griegi u kienet magħrufa l-aktar għas-Sigaretti 'Columbus'. Ħanut popolari bis-sigaretti kien ta' John Scerri ħdejn il-Każin ta' San Ġużepp (flok il-'Generation Gap') u l-fabbrika kienet il-'Black Spot Cigarette Factory', ukoll fi Strada Rjali (kantuniera ma' Triq S. Wistin); oħra kienet ta' l-aħwa Vella, li iben wieħed minnhom kien kaxxier tal-Każin tal-Banda San Gejtanu u faċċata ta' l-istess każin tal-lum, fi Triq il-Kbira (flok il-ħajjat jew Tivoli), kellek il-ħanut ta' Psaila. Ħanut ieħor infetaħ minn Tabone ftit l-isfel mill-każin tal-Banda San Gejtanu, fejn niesu għadhom hemm sal-lum. Post ieħor fejn fl-antik kienu jsiru s-sigaretti kien fi Triq Santa Marija, propjetà ta' Toninu Attard. Naturalment dawn mhux ħlief ftit mill-ħafna li kellna.

Karatteristika oħra, anke ta' xeħta folkloristika marbuta mas-subborg tagħna kienet il-manifattura tal-Karettuni u karozzini. Bosta xjuħ tagħna jiftakru b'nostalġija serbut ta' karozzini ħerġin mill-Ħamrun, partikolarment dawk tal-mejtin li kultant kienu ta' kobor mhux ħażin f'forma ta' karru jew karrozzella. Dawn kien ikun fihom verament x'tara, armati bil-faldrappi suwed u l-fjuri. Fi Strada Rjali kien hemm armati Antonio Bonavia u aktar tard Antonio Vella; filwaqt li fi Triq Qormi kellek lil Francesco Almanno, (ħdejn ir-Rukkella). Bil-Karozzini kellek ukoll lil Ġużè fi Triq San Ġwann (flok il-Maħżen ta' l-Armar tal-Festa), u lil Debattista fi Triq il-Vitorja.

Negozju ieħor li fil-Ħamrun kien imqabbad sewwa u llum għad baqa' xi ħaġa minnu fostna kien dak tal-manifattura u bejgħ tal-Madum. Fl-1908 nafu li diġà kellna żewġ fabbriki magħrufa sewwa, it-tnejn fi Strada Irjali. Dik ta' Giuseppe Said kienet tissuplixxi lill-Gvern u 'l-Ammiraljat; bl-oħra tkun ta' Pace u Farrugia. Sa mill-1925 konna nsibu wkoll fi Strada Rjali (viċin Borg tal-Kafè), il-ħanut ta' Michel Angelo Galea, Għawdxi li dixxendenti tiegħu għadhom sa' żmiena fl-istess negozju, fil-post imsemmi.

Passatemp ferm u ferm popolari żmien ilu, sew mal-Kbar u aktar maż-żgħar, kien dak tal-Mudelli tal-Knejjes, statwi tal-qaddisin, statwi tal-Ġimgħa l-Kbira u pasturi tal-prespju. Kull familja, tista' tgħid kellha xi ftit jew wisq minn dawn l-oġġetti u l-familji Ħamruniżi ma kienux eċċezzjoni! Jien niftakar sewwa, daqs 20 sena ilu żewġ ħwienet bl-istatwi jew pasturi li llum għalqu. Kien hemm dak ta' Salvu Aquilina (iz-Zizzka) f'Nru. 212 Triq il-Kbira (bejn il-'Le Max' u l-'Kid's Korner'), li għalaq c.1973 u dak ta' Stella u Censina Seguna fi Triq Villambrosa, kantuniera ma' Triq id-Duluri (flok l-Uffiċċju ta' John's Garage), li kien ħadu fis-snin sebgħin Giovanni Chirçop bħala Bazaar (missier Oreste t-Tenur). Antiki aktar kienu l-ħwienet ta' Annetto Felice bil-pasturi, li kien f'Nru. 736. (qabel 451), fi Strada Rjali u dak ta' Brincat bil-figurini ġewwa Triq il-Vitorja.

Fis-snin ta' qabel it-tieni Gwerra Dinjija konna nsibu wkoll numru ta' snajja

**CISCALDI BROS.**

**5 Holy Trinity Street Hamrun**

Jaċċetta ordnijiet ta' ĦELU għal

TIĠIJIET u MAGĦMUDIJIET

**XOGĦOL TAJJEB U RĦIS**

**Eżempju ta' reklam għad-ditta Ciscaldi li deher fil-ktieb tal-festa tal-1952.**

oħra fi kwantità, bħal Buttara, Skrapan, Furnara, Sillara, Ħajjata u dawk li jaħdmu l-qasab. Però dawn nittrattawhom aħjar darb'oħra.

Ma' nistgħux ma nsemmux ukoll li wara l-Gwerra l-Kbira kellna bosta negozji tal-Fotografija u Dulċiera. Min ma jiftakarx lil Cassar tar-ritratti, li però jmur ferm aktar lura għaliex fetaħ in-negozju tiegħu fl-1908, l-ewwel f'Nru. 4 Duke of York u aktar tard mar fi Triq Rjali (flok il-'Best and Less'). Ibnu Ġużeppi kompla fl-istess post c. 1944-45 u llum għadu mimli bil-għomor jagħmel ġmiel t'Akkwarelli. Jew lil Blackman ukoll fi Triq il-Kbira (faċċata tal-knisja ta' San Gejtanu); lil Ciancio u l-Verybest, li beda fi Triq il-Kbira u wara mar fi Triq Villambrosa. Bħala Dulċiera ta' wara l-gwerra nsemmu lil ta' Ciscaldi u Borg Bonàci, li t-tnejn għadhom magħna.

U naturalment nistgħu nibqgħu sejrin bil-lista, li għandi x'jgħidli ma' tispiċċax malajr! Dan hu biss tentattiv ieħor biex sew jien stess, kif ukoll oħrajn ikabbru fihom l-interess biex l-antenati tagħna flimkien ma' l-attività tagħhom ma' tintesiex, anzi tiġi mistħarrġa u apprezzata. Għandi nifhem li xi daqsxejn nostalġija mill-anzjani u nies ta' ċerta età iġġib ukoll, filwaqt li fiż-żgħażagħ tqajjem kurżità.

Inkomplu darb'oħra.

**Raymond Saliba**

Ħajr lil: Alfie Guillamier, Ninu Theuma, Horace Muscat u Tony Terribile.